MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 24/1998/1

**Maltacom plc**

**-vs-**

**Joseph Grech**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tmien mija u sitt liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm806.22) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 562187 liema servizz gie nstallat fil-fond M27 2FG, Racecourse Street, Nadur, Ghawdex skond ma kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness Dokument A;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittri ufficjali, tas-27 ta' Dicembru 1997, kif ukoll tal-15 ta' Jannar 1998, it-

taxxa ETS fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Grech fejn eccepixxa;

1. illi l-eccipjenti m'ghandux jaghti lis-socjeta' attrici l-ammont pretiz fl-avviz;

2. illi fi kwalunkwe kaz hija s-socjeta' attrici li trid iggib il-prova u dettalji ohra ta' kif waslet ghas-somma indikata fl-avviz, u ghal-liema perjodu jkopri dan il-hlas mitlub u jirriserva li jgib eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt wara li s-socjeta' attrici tkun gabet din il-prova.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza inkluz in-nota tas-socjeta' Maltacom tat-28 ta' Marzu 2006 fejn gie indikat l-bilanc li ghadu dovut mill-konvenut.

Il-Qorti;

Taqta' u tiddiciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' il-bilanc li ghadu dovut u cioe' s-somma ta' mija u sitt liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm106.22).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------